19 ta' Diċembru, 1953.

Imħallfin :—

Is-S.T.O. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

John Cole *versus* Carmel Agius Gilibert et ne.

**Elezzjoni — Assemblea Leġislativa — "Recount" — Kompetenza — "Election Petition" — Appell — Art. 34 u 66 tal-Kap. 163 — Reg. 16 tal-Polling Regulations, 1939.**

*Il-kandidat f'elezzjoni li jkun saret għall-għazla tal-Membri ta' l-Assemblea Leġislativa, li jkun irid jitlob "recount" tal-voti wara li jkun ġie dikjarat ir-riżultat ta' l-elezzjoni, jista' jagħmel din it-talba biss per mezz ta' "election petition" preżentata fil-Qorti ta' l-Appell bħala Qorti ta' l-Ewwel Grad.*

*"Election Petition" hija dik li fiha l-kwistjoni tkun dwar il-jedd ta' persuna li tkun u li tibqa' membru ta' l-Assemblea Leġislativa.*

*Talba biex jerġgħu jingħaddu l-voti, kollha jew f'biċċa minnhom, sabiex ikun aċċertat sewwa r-riżultat ta' l-elezzjoni, u sabiex titħassar elezzjoni, hija "election petition", li hija ta' kompetenza esklużiva tal-Qorti ta' l-Appell. Jekk imbagħad dik it-talba ma hix "election petition", allura ebda Qorti ma hi kompetenti biex tordna "recount" totali jew parzjali, għaliex ebda liġi ma tagħti dak il-jedd jekk mhux fuq "election petition".*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li bih l-attur, wara li ppremetta illi huwa kan-

dislat għar-Raba' Distrett mal-Malta Workers Party (Partit ta' Boffa) fl-Elezzjonijiet għall-Assemblea Leġislativa għas-sena 1953; u illi ġie annunzjat, taħt direttivi tal-konvenuti, illi ġie elett għal dak id-distrett Dr. Calcedonio Zammit b'voti ugwali daqs l-attur, u dana, kif allegat, kellu "first preference votes" aktar minnu; u *illi nqalgħu diversi kwistjonijiet* dwar il-validità u t-"transfers" ta' voti, u fil-fatt il-"counts" u t-"transfers" huma żbaljati, a preġudizzju tiegħu; talab illi, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni, il-Qorti tordna illi jsir "recount" intier tal-voti kollha, wara li jiġu eżaminati anki dawk il-voti li ġew dikjarati invalidi, biex tiġi aċċertata l-validità tagħhom o meno, *tar-Raba' Distrett* Elettorali, għall-aċċertament tar-riżultat veru ta' dina l-elezzjoni. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, li ġew inġunti biex jidhru għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti fil-kwalitajiet tagħhom fuq imsemmija, li biha *jeċċepixxu, preliminarjament*, illi dik il-Qorti mhijiex kompetenti, billi l-meritu tal-kawża hu devolut lill-konjizzjoni speċjali ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina. Salvi eċċezzjonijiet oħra, kompriżi dawk fil-meritu;

Rat id-digriet tat-18 ta' Diċembru 1953 li bih it-Tabib *Calcedonio Zammit ġie ammess f'din il-kawża "in statu et terminis"*;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tat-Tabib Dr. Calcedonio Zammit, ammess "in statu et terminis", li biha eċċepixxa (1) in-nullità taċ-ċitazzjoni, peress li ma ġietx preċeduta mill-"objection" kif kontemplata mill-liġi; (2) ir-riżultat diġà *annunzjat mill-konvenuti hu korrett, tant fil-liġi kemm fil*-fatt; għalhekk ma hemmx lok għall-provvedimenti mitluba. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni tat-Tabib Dr. Calcedonio Zammit;

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-18 ta' Diċembru 1953, li biha ġiet milqugħa l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti, u ddikjarat ruħha inkompetenti li tieħu konjizzjoni tal-kawża, bl-ispejjeż kontra l-attur; wara li kkunsidrat, dwar l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza sollevata preliminarja-

ment mill-konvenuti;

Illi b'din il-kawża l-attur qiegħed jitlob illi jsir "recount" intier tal-voti kollha tar-Raba' Distrett Elettorali fl-Elezzjonijiet Generali ta' Malta għas-sena 1953, biex jinħatru l-Membri ta' l-Assemblea Leġislativa. Kif ġie deċiż mill-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina fil-25 ta' Settembru 1950, fil-kawża fl-ismijiet "Avv. Dr. Anthony Pullicino et. vs. Frank Agius et. ne." (Kollez. Vol. XXXIV—I—234), li kienet tirrigwarda meritu kważi identiku għal dak fil-kawża taħt eżami, il-kandidat f'elezzjoni li tkun saret biex jinħatru l-Membri ta' l-Assemblea Leġislativa, li jkun irid jitlob "recount" tal-voti wara li jkun ġie dikjarat ir-riżultat ta' l-elezzjoni, jista' jagħmel din it-talba biss per mezz ta' "election petition" preżentata fil-Qorti ta' l-Appell bħala Qorti ta' l-Ewwel Grad, kif jippreskrivi r-Regolament 16 tal-Polling Regulations 1939. Infatti dik l-Onorabbli Qorti f'dik is-sentenza kkunsidrat illi *skond ir-Regolament 16 tal-Polling Regulations 1939, din ir-"recount" tista' tingħata unikament "on an election petition"*; u kif jiġi deżunt faċilment mill-art. 34 u 66 tal-Kap. 163 (li taħtu huma magħmula l-Polling Regulations), "election petition" hi dik li fiha l-kwistjoni tkun dwar jedd ta' persuna li tkun jew tibqa' membru tal-Parlament — "to be or to remain"; u "election petition" għandha tinġieb b'istanza fuq il-kwistjoni fuq imsemmija, quddiem il-Qorti ta' l-Appell bħala Qorti ta' l-Ewwel Grad, b'ċitazzjoni;

Illi ma hemmx dubju li l-kwistjoni f'din il-kawża tirrigwarda l-jedd ta' l-attur li jkun membru tal-Parlament, u għal din ir-raġuni hu qiegħed jitlob ir-"recount" tal-voti. Għalhekk it-talba ta' l-attur, skond il-prinċipji fuq imsemmijin, kien imissha saret lill-Qorti ta' l-Appell bħala Qorti ta' l-Ewwel Grad;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur, u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi jiġi deċiż li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili hija kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża; bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta ta' Dr. Calcedonio Zammit M.D., ammess "in statu et terminis", li talab il-konferma ta' dik is-

sentenza; bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta tal-konvenuti nomine, li talbu l-konferma ta' l-istess sentenza;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Semgħet id-difensuri tal-kontendenti;

Ikkunsidrat;

Illi skond ir-Regolament numru 16 (1) ta' "The Polling Regulations 1939", maħruġin taħt l-*Ordinanza Elettorali* dwar il-Votazzjoni (XXXIV ta' l-1939, Kap. 163 Edizzjoni Riveduta), jista' jintalab li l-poloz kollha, jew biċċa minnhom, jerġgħu jiġu magħdudin sabiex ikun aċċertat sewwa r-riżultat ta' l-elezzjoni kull meta ssir talba biex titħassar elezzjoni ("election petition");

Illi azzjoni simili, skond l-art. 66 tal-Kap 163, hija ta' kompetenza eskluživa u finali ta' dina l-Qorti;

Illi għalhekk, jekk, kif isostnu l-konvenuti nomine, it-talba odjerna hija talba biex titħassar elezzjoni, ossija "election petition", allura l-azzjoni hija ta' kompetenza biss ta' dina l-Qorti. Jekk, għall-kuntrarju, kif isostni l-appellant, l-azzjoni mhix "election petition", allura ebda Qorti ma għandha kompetenza li tordna "recount", totali jew parzjali, għaliex ebda liġi ma tagħtiha dak il-jedd jekk mhux fuq "election petition". Għaldaqstant f'ebda waħda minn dawk l-ipotesijiet ma kellha kompetenza l-Qorti ta' l-Ewwel Istanza;

Illi, stante l-konflitt preċedenti tal-ġurisprudenza u n-natura tal-każ, hemm lok għall-infraskritt temperament fil-kap ta' l-ispejjeż;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Tirrespinġi l-appell, u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi *tikkonferma s-sentenza appellata; u tordna li l-ispejjeż* taż-żewġ istanzi ma jiġux taxxati bejn il-kontendenti, bl-ispejjeż tar-Reġistru kontra l-attur appellant.